**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Novembru 2018**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Nru. 535/2001 JZM**

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija Super Master Limited (C18955) u wara l-hatra ta` Paul Mercieca bhala stralcjarju skont provvediment tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta` Lulju 2001**

**Il-Qorti :**

Rat il-provvediment li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta` Lulju 2001.

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` l-istralc.

Rat l-atti li kienu prezentati fil-kors tal-istralc.

Rat in partikolari il-*Liquidation and Financial Statements* (inkluz l-*Scheme of Distribution*) li kienu prezentati fil-21 ta` Awissu 2018 (fol 277 et seq).

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati ghal kollox, tordna li l-isem tal-kumpannija Super Master Limited (C18955) jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien erbatax–il jum mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Super Master Limited (C18955).

Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ihares dak l-ordni.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imħallef**